# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 10 ta' Lulju, 2023

**Kawża Nru. 17**

**Rik. Nru. 64/2022 ISB**

**Jibella Holdings Limited [C 14398]**
**Antida Schembri [K.I. Nru. 31752M]**
**Keith Schembri [K.I. Nru. 498174M]**
**Joseph Ferriggi [K.I. Nru. 300357M]**

**Vs.**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Jibella Holdings Limited et**, intavolat fit-3 ta' Gunju 2022, li permezz tiegħu huwa talbu lil-Qorti sabiex:-

1. *Tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Att Dwar il-Kumpaniji, Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, jerġa' jiddaħħal l-isem tas-soċjeta' Juan Company Limited (C 19886) fir-Reġistru tal-Kumpaniji, sabiex b'hekk hija titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar, u*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji jagħmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-Liġi relativi għal tali inserzjoni fir-Reġistru tal-Kumpaniji, u dan taħt dawk id-direzzjonijiet u provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

U dan wara huwa ppremettew:

*Illi Jibella Holdings Limited, Antida Schembri, Keith Schembri huma azzjonisti, waqt li Antida Schembri, Keith Schembri u Joseph Ferriggi huma ukoll diretturi tas-soċjeta' Juan Company Limited, reġistrata fl-indirizz 3, Victory Street, Rabat, liema soċjeta' għandha numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpaniji C 19886, ara memorandum u artikli tal-kumpanija anness u mmarkata bħala 'Dok. A'.*

*Illi llum 3 ta' Ġunju 2022 Jibella Holdings Limited qiegħda kontestwalment tippreżenta l-atti neċessarji sabiex hi stess terġa titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Att Dwar il-Kumpaniji, Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi s-soċjeta Juan Company Limited irċeviet ittra mir-Reġistratur tal-Kumpaniji fejn hija ġiet infurmata illi isem il-kumpanijja kien ser jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji ai termini tal-artikolu 325(2) tal-Att Dwar il-Kumpaniji, Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u sussegwentement hija ġiet imħassra bħala "struck off as defunct" mid-data effetiva ta' 7 ta' Marzu 2021.*

*Illi l-esponenti huma aggravati b'dan il-fatt hekk kif ser jiġi muri.*

*Illi l-esponenti jirrilevaw illi s-soċjeta' Juan Company Limited, permezz ta' kuntratt datat 29 ta' April 1996 u ppublikat fl-atti tan-Nutar Anthony Abela akkwistat proprjeta' bl-isem ' Crystal Look' u l-ħanut bin-numru mhux uffiċjali 1, it-tnejn mingħajr numru uffiċjali ġewwa Pioneer Corps Road, Buġibba, limiti ta' San Pawl, aktar il-quddiem imsejħa 'l-proprjeta'', ara akkwist anness u mmarkat bħala 'Dok. B'. Għaldaqstant s-soċjeta' Juan Company Limited għandha assi konsistenti fi proprjeta' u għandha kull interess illi l-istess terġa titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, għar-raġunijiet li ser jiġu pruvati fil-mori tal-kawża.*

*Illi ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Att Dwar il-Kumpaniji, Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, għadhom m'għaddewx ħames snin minn meta din is-soċjeta' tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji. Ir-rikorrenti għandhom kull interess illi Juan Company Limited terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u huma lesti li jieħdu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolariżżata l-posizzjoni ta' Juan Company Limited jekk ikun meħtieġ.*

Rat **<u>id-dokumenti</u>** ppreżentati mar-rikors (fol 3 sa fol 27);

Rat **<u>id-digriet</u>** tagħha tal-4 ta' Lulju 2022, minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-24 ta' Ottubru 2022 fl-10:00a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi fit-30 ta' Awissu 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **<u>ir-risposta</u>** tiegħu (fol 30) bid-dokumenti hemmekk annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Juan Company Limited (C 19886) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-13 ta' Marzu 1996;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-aħħar kont annwali illi bagħtet il-kumpanija lir-Reġistratur tal-Kumpaniji kien għas-sena 1999, l-aħħar prospett annwali illi rreġistrat kien dak tas-sena 2000 filwaqt illi l-kumpanija naqset għal kollox milli tissottometti l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji mar-Reġistratur;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponenti Reġistratur tissoponi illi il-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi għalhekk ir-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. 'A' l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha, Juan Company Limited, 3, Victory Street, Rabat. Illi ma kienx possibbli li l-ittra tintbagħat lil xi uffiċjal tal-kumpanija minħabba l-fatt illi l-aħħar direttriċi u segretarja rreżenjat nhar is-17 ta' Mejju 2017 u l-kumpanija baqgħet mingħajr uffiċjali sakemm l-isem tal-kumpanija ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi it-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija fl-istess indirizz, fis- 7 ta' Diċembru 2020;*

*Illi f'din l-ittra il- kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fis-7 ta' Diċembru 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta u fuq il-website mizmuma mill-esponenti fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir- Reġistratur qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti la mingħand il-kumpanija u lanqas mingħand l-uffiċjali tagħha u għaldaqstant fit-8 ta' Marzu 2021, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponenti ħarget avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali, l-kontijiet annwali u l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji) u dan ukoll sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni, ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rattifikata;*

*Illi l- ammont dovut bħala reġistrazzjoni fuq il-prospetti annwali li qatt ma ġew reġistrati jammonta għal EUR 3,124.71;*

*Illi di piu' il-penali fuq il-kontijiet annwali u l-prospetti annwali li baqgħu qatt ma ġew reġistrati jammontaw għal EUR 28,834;*

*Illi ta' min jgħid illi l-penali hawn fuq imsemmija huma maħduma sal-prezentata tar-rikors promotur. Għalhekk tali penali jibqgħu jiddekorru sad-data effettiva sakemm id-dokumentazzjoni relevanti tiġi sottomessa għar-reġistrazzjoni mal-esponenti;*

*Illi għaldaqstant hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat in-nota tar-Rikorrenti pprezentat fit-2 ta' Novembru 2022, kontenenti zewg affidavits, wiehed ta' Vincent A Bonello u iehor ta' tar-rikorrent Joseph Ferriggi.

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Dicembru 2022 u seduti sussegwenti, il-Qorti kienet qed tigi mgharrfa illi r-rikorrenti kienu qed jiehdu hsieb, permezz tal-awdoitur taghhom, illi jirregolarizzaw l-affarijiet tal-kumpannija Juan Co. Limited u fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2023, il-Qorti giet mgharrfa illi il-partijiet kienu wasslu fi ftehim sabiex jirrizolvu l-pendenzi ta' bejniethom u kien jonqos biss illi jigi formalizzat l-istess ftehim.

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Gunju 2023, id-difensuri tal-partijiet lehqu ftehim u b'hekk qabblu illi l-Qorti setghet tghaddi ghall-provvediment, kif qed isir illum.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti, li huma azzjonist fil-kumpanija **Juan Company Limited (C-19886)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fis-7 ta' Marzu 2021.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrenti ghandhom kull interess illi l-istess kumpannija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji anke ghaliex hemm proprjeta' immobbli fuq isem il-kumpannija illi ma jixtiequx illi tintilef.

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat kontijiet u prospetti annwali. Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-ligi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-*

*kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat. M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija **Juan Company Limited (C-19886)** ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati u d-dikjarazzjonijiet maghmula mid-difensuri tal-partijiet jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li rriżultaw.

Li l-Qorti jidhrilha illi ghandha tirrimarka huwa l-fatt illi s-socjeta' rikorrenti Jibella Holdings Limited kienet tinsab fil-mument tal-presentata tar-rikors u hekk tinsab sal-llum, *struck off* minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji. Fil-fatt hemm proceduri sabiex din il-kumpannija tigi ri-integrata fuq ir-Registru msemmi (66/2022), liema proceduri qed jigu decizi llum ukoll. Ghal dan il-ghan, Jibella Holdings Limited qatt ma setghet tintavola dawn il-proceduri u konsegwentament il-Qorti ser tastjeni milli tippronunzja il-provvediment taghha fir-rigward taghha izda ser tippronunzja ruha fil-konfront tar-rikorrenti l-ohra illi legittimament ressqu dan ir-rikors.

Il-Qorti pero`, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilita' li tar-rikorrenti illi jirregolarizzaw l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, il-Qorti ġiet mgħarrfa illi kien intlahaq ftehim bejniethom.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, tastjeni milli tippronunzja ruha fir-rigward tas-socjeta' rikorrenti Jibella Holdings Limited.

2. **Fit-tieni lok**, tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum,

jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Juan Company Limited (C-19886)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

3. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Juan Company Limited (C-19886)**, jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

5. **Fil-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi seta' nkorra biex ikancella u li ghad jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Juan Company Limited (C-19886)** fuq ir-Reġistru tal-kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrent Antida Schembri, Keith Schembri u Joseph Ferriggi.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**